DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1290

tat-23 ta' Lulju 2015

li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' żejt raffinat miż-żerriegħa tal-*Buglossoides arvensis* bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2015) 4961)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Ġunju 2013, il-kumpanija Technology Crops International ressqet talba lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit biex tqiegħed fis-suq żejt raffinat miż-żerriegħa tal-*Buglossoides arvensis* bħala ingredjent tal-ikel ġdid.

(2) Fis-6 ta' Jannar 2014, l-entità kompetenti tal-valutazzjoni tal-ikel tar-Renju Unit ħarġet l-ewwel rapport tal-valutazzjoni tagħha. F'dak ir-rapport, ikkonkludiet li ż-żejt raffinat miż-żerriegħa tal-*Buglossoides arvensis* jissodisfa l-kriterji għal ikel ġdid stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(3) Fil-21 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni għaddiet l-ewwel rapport ta' valutazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

(4) Matul il-perjodu ta' 60 jum stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, tqajmu xi oġġezzjonijiet motivati.

(5) Fil-11 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), u talbitha tagħmel valutazzjoni dwar iż-żejt raffinat miż-żerriegħa tal-*Buglossoides arvensis* bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97.

(6) Fil-5 ta' Frar 2015, l-EFSA fis-"Scientific Opinion on the safety of refined *Buglossoides* oil as a novel food ingredient" ([2]) (l-Opinjoni xjentifika dwar is-sikurezza taż-żejt raffinat tal-*Buglossoides* bħala ingredjent tal-ikel ġdid), ikkonkludiet li ż-żejt raffinat miż-żerriegħa ta' *Buglossoides arvensis* huwa sigur għall-użi u l-livelli ta' użu proposti.

(7) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) tistabbilixxi rekwiżiti dwar is-supplimenti tal-ikel. Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jistabbilixxi rekwiżiti dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel. Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE ([5]) tistabbilixxi rekwiżiti għall-ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali. Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/8/KE ([6]) tistabbilixxi rekwiżiti dwar ikel maħsub sabiex jintuża f'dieti ta' restrizzjoni tal-enerġija għat-tnaqqis fil-piż. L-użu ta' żejt raffinat miż-żerriegħa tal-*Buglossoides arvensis* għandu jkun awtorizzat mingħajr ħsara għar-rekwiżiti ta' dawk il-leġiżlazzjonijiet.

([1]) ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.
([2]) EFSA Journal 2015; 13(2):4029.
([3]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).
([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26).
([5]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE tal-25 ta' Marzu 1999 dwar ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali (ĠU L 91, 7.4.1999, p. 29).
([6]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/8/KE tas-26 ta' Frar 1996 dwar ikel maħsub sabiex jintuża f'dieti ta' restrizzjoni ta' enerġija għat-tnaqqis fil-piż (ĠU L 55, 6.3.1996, p. 22).

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iż-żejt raffinat miż-żerriegħa tal-*Buglossoides arvensis* kif speċifikat fl-Anness I jista' jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni bħala ingredjent tal-ikel ġdid għall-użi speċifikati u fil-livelli massimi stabbiliti fl-Anness II mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva 2002/46/KE, tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006, tad-Direttiva 1999/21/KE u tad-Direttiva 96/8/KE.

Artikolu 2

L-isem taż-żejt raffinat miż-żerriegħa tal-*Buglossoides arvensis* awtorizzat b'din id-Deċiżjoni fuq it-tikketti tal-oġġetti tal-ikel li jkun fihom dan il-prodott għandu jkun "żejt raffinat tal-Buglossoides".

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Technology Crops International, 7996 North Point Blvd Winston Salem, NC 27106, USA.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

SPEĊIFIKAZZJONI TA' ŻEJT RAFFINAT MIŻ-ŻERRIEGĦA TAL-*BUGLOSSOIDES ARVENSIS*

Deskrizzjoni: Iż-żejt raffinat tal-Buglossoides huwa estratt miż-żerriegħa tal-*Buglossoides arvensis* (L) I.M.Johnst.

Test	Speċifikazzjoni
Aċidu alfa-linoleniku	Mhux inqas minn 35 % w/w tal-aċidi grassi totali
Aċidu stearidoniku	Mhux inqas minn 15 % w/w tal-aċidi grassi totali
Aċidu linoleniku	Mhux inqas minn 8 % w/w tal-aċidi grassi totali
Aċidi xaħmin trans	Mhux aktar minn 2 % w/w tal-aċidi grassi totali
Valur aċiduż	Mhux iktar minn 0,6 mg KOH/g
Valur tal-perossidu	Mhux iktar minn 5 meq O_2/kg
Kontenut ta' materjal insaponifikabbli	Mhux aktar minn 2 %
Kontenut ta' proteini (total ta' nitroġenu)	Mhux aktar minn 10 µg/ml
Alkalojde pirroliżidiniku	Mhux individwat b'limitu ta' detezzjoni ta' 4 µg/kg

ANNESS II

UŻI AWTORIZZATI TAŻ-ŻEJT RAFFINAT MIŻ-ŻERRIEGĦA TAL-*BUGLOSSOIDES ARVENSIS*

Kategorija tal-ikel	Livell massimu ta' aċidu stearidoniku
Prodotti tal-ħalib u analogi	250 mg/100 g; 75 mg/100 g għax-xarbiet
Ġobon u prodotti tal-ġobon	750 mg/100 g
Butir u emulsjonijiet oħra tax-xaħam u taż-żejt inklużi pejsts (mhux għat-tisjir jew għall-qali)	750 mg/100 g
Ċereali għall-kolazzjon	625 mg/100 g
Supplimenti tal-ikel kif definiti mid-Direttiva 2002/46/KE, minbarra supplimenti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar	Doża ta' 500 mg/kuljum kif irrakkomandat mill-manifattur
Ikel tad-dieta għal skopijiet mediċi speċjali kif definiti mid-Direttiva 1999/21/KE, minbarra ikel tad-dieta għat-trabi u għat-tfal żgħar	Skont ir-rekwiżiti nutrizzjonali partikolari tal-persuni li għalihom il-prodotti huma maħsuba
Ikel maħsub għall-użu f'dieti ristretti mill-enerġija għat-tnaqqis fil-piż kif definit mid-Direttiva 96/8/KE	250 mg/sostitut tal-ikel